MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 2351/1997/1

**George Micallef**

**VS**

**Anthony sive Twanny Borg u Registratur tal-Qrati**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ppremetta illi:

Peress illi l-attur fid-9 ta’ Frar, 1993 gie derubat minn quddiem daru gewwa Hal-Luqa u li fost il-hwejjeg misruqa kien hemm flus kontanti;

Peress illi wara investigazzjonijiet maghmula mill-Korp tal-Pulizija nstabu parti mill-flus u gew depozitati fil-kustodja tal-konvenut Registratur tal-Qorti fil-kawza Kriminali “Il-Pulizija vs Anthony sive Twanny Borg”, l-konvenut l-iehor;

Peress illi dawn il-flus hekk misjuba huma propjeta’ ta’ l-attur kif diga’ kellu l-opportunita’ li jiddikjara fl-atti tal-imsemmija kawza kriminali wara li kien ezaminhom u dawn huma fil-valur ta’ elf, tlett mija u hames liri maltin (Lm1,305);

Peress li wara li l-attur talab fl-atti ta’ dik il-kawza sabiex jiehu dawn il-flus u dik it-talba giet michuda kellha tigi pprezentata dina l-kawza;

Jghidu l-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex

1. Tiddikjara li l-attur huwa l-propjetarju tal-flus hekk depozitati fl-ammont ta’ elf, tlett mija u hames liri maltin (Lm1,305).

2. Tordna lill-konvenuti jghaddu u jhallsu lill-attur l-imsemmija somma fil-kustodja tal-konvenut Registratur tal-Qorti fil-kawza kriminali “Il-Pulizija vs Anthony sive Twanny Borg’’, l-konvenut l-iehor.

Bl-ispejjes u bl-imghax u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol.3 tal-process:

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Registratur tal-Qorti** a fol. 9 tal-process fejn eccepixxa:

1. L-eccipjenti ma ghandha ebda nteress fl-ezitu ta’ l-ewwel domanda ghal dikjarazzjoni ta’ propjeta’ tal-flus

esebiti, u ghalhekk tirremetti ruhha ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Rigward it-tieni talba ghall-izbank tas-somma msemmija fic-citazzjoni, l-eccipjenti teccepixxi l-inkompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti, dikjarabbli anke *ex officio,* peress li l-flus jinsabu esibiti taht l-awtorita’ tal-Qorti Kriminali, u dan in ottemperanza mid-dispost tal-artikolu 774 (c) tal-Kodici ta’ Organizzazjoni u Procedura Civili.

3. L-eccipjenti m’ghandiex tbati spejjes.

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Borg** a fol.11 tal-process fejn ecepixxa:

1. illi preliminarjament din il-kawza hija nulla u rritwali stante li bhala kompartecipi fil-kommunjoni ta’ l-akkwisti, mart l-attur kellha tkun attrici f’din il-kawza;

2. illi bla pregudizzju ghal dan, it-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante li l-konvenut l-iehor Registratur tal-Qorti korrettement m’ghaddiex il-flus lill-attur ghaliex fil-proceduri kriminali msemmija mill-attur ma rrizultax li l-flus imsemmija fil-fatt kienu jappartjenu lill-attur, anzi l-esponent jibqa’ jikkonferma li dak l-ammont depozitat huwa flusu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mix-xhieda ta’ George Micallef (korroborata minn dika ta’ ibnu Raymond Micallef) jirrizulta li lill George Micallef kienu serqulu satchel ta’ l-iskola li kien fih Lm4,663 (fi flus

kontanti, cheques u ricevuti) flus rapprezentanti djun dovuti minn terzi persuni u li kien gabarhom ibnu Raymond Micallef minghand diversi proprjetarji ta' hwienet tal-laham minn gewwa l-biccerija. Kien ghamel rapport lill Pulizija u dawn kienu qabdu lill konvenut u in segwitu ttiehdu passi kriminali kontra l-istess konvenut. Il-Pulizija kienu qabdu lill-konvenut jarmi pakkett flus kontanti taht karozza u minn dawn il-flus irrizulta li xi whud minnhom kienu imcappsin u wahda minnhom bid-demm tan-naghag jew tal-moghoz cjoe bhal dawk il-flus li Micallef kien dahhal minghand Salvu Bajjada dak in-nhar tas-serqa.

Xehdu f'din il-kawza diversi esperti li kienu gew nominati fl-inkjesta u waqt il-kumpilazzjoni u jirrizulta li fuq wahda minn dawn il-karti ta' Lm10, li l-Pulizija kienu qabdu lill konvenut jarmi taht karozza, kien fiha marki ta' demm tan-naghag kif xehed li kien fiha l-attur u ibnu.

Il-Qorti hi tal-fehma li f'dawn il-proceduri gie stabbilit in-ness (fuq bazi ta' probabilita' li hu bizzejjed ghall dina l-Qorti) bejn il-flus li nsterqu mill-pussess ta' George Micallef u l-flus li l-konvenut kien rema taht il-karozza pparkjata qabel ma nqabad mill-pulizija. Il-konvenut bl-ebda mod ma kkontesta l-provi mressqa mill-attur u ghalhekk l-ewwel talba ta' l-attur ghandha tigi milqugha u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Borg tigi michuda. L-eccipjenti Registratur tal-Qorti fuq l-ewwel talba ta' l-attur kien eccepixxa li hu m'ghandhu ebda nteress fl-ezitu ta' l-ewwel domanda ghal dikjarazzjoni ta' proprjeta' tal-flus esebiti, u ghalhekk rremetta ruhhu ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Kwantu ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Borg li din il-kawza hija nulla u rritwali stante li bhala kompartecipi fil-kommunjoni ta' l-akkwisti, mart l-attur kellha tkun attrici f'din il-kawza l-Qorti tirrileva li dina l-eccezzjoni hija nfondata billi f'dan il-kaz japplika l-artikolu 1324 tal-Kodici Civili.

Rigward it-tieni talba ta' l-attur ghal izbank tas-somma msemmija fic-citazzjoni billi jirrizulta li l-flus jinsabu esibiti

taht l-awtorita' tal-Qorti Kriminali, hija dika l-Qorti li ghandha kompetenza li tawtorizza lill attur li jirtira l-flus li gew dikjarati li jappartjenu lilu b'dina s-sentenza, ghalhekk dina l-Qorti qed tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' dina t-talba.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur
Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tieni talba ghar-raguni fuq imsemmija;
Spejjez kollha ghall-konvenut Borg.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------